

Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

8021/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0271 (COD)

CODEC 606
TRANS 200

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Frar 2024³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2024⁴.

¹ 11718/23 + ADD 1 sa 4.

² ĠU C, C/2024/891, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/891/oj>.

³ ĠU C, C/2024/1982, 18.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1982/oj>.

⁴ 10678/24.

5. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament⁵ imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fis-27 ta' Jannar 2026, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju, u sussegwentement il-President tiegħu bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjarat li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁶.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 16833/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokumenti 16833/25 ADD 1 + COR 1.
8. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.

⁵ 16098/25 + ADD 1.

⁶ 7057/26.